**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 287/2016 CFF**

**Fl-atti tal-ittra ufficjali numru 2831/2016 fl-ismijiet:**

**MPM Investments Limited**

**Vs**

**Anthony Micallef**

**Illum 15 ta' Jannar, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** ta' Anthony Micallef illi a tenur tal-proviso tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta espona:

Illi l-esponent gie notifikat bl-ittra ufficjali tas-socjeta' ezekutanti bin-numru 2831/2016 fil-15 ta' Novembru, 2016.

Illi l-esponent qed iressaq din l-opposizzjoni ghall-ezekuzzjoni tal-kambjala tat-2 ta' Jannar 2013 minhabba ragunijiet gravi u validi kif ahjar spjegati f'dan ir-rikors.

Is-socjeta' ezekutanti qed tippretendi senserija ghall-bejgh ta' appartament favur l-esponent u l-mara tieghu fi Blokk hmistax (15), Bieb A, Flat numru tlieta (3), Triq l-Istefanotis, San Gwann. Dan l-appartament sar maghruf lill-esponent minghand certu

Wenzu Borg li hadu jara l-post, u meta waslu quddiem il-bieb tieghu, l-istess Borg cempel lil wahda mara biex tiftahlu. Din il-persuna femminili fil-fatt waslet fuq il-post ftit wara u giet tiftah il-bieb. L-esponent flimkien mal-imsemmi Borg, raw l-appartament fil-prezenza tal-persuna femminili li giet tiftah. Fit-12 ta' Novembru 2012, l-esponent u l-mara tieghu Naima Micallef iffirmaw konvenju ghax-xiri tal-istess proprjeta' minghand is-sidien Luke Cricchiola u Jacqueline Farrugia. Fuq dan il-konvenju, il-partijiet ftehmu li senserija ma kinitx dovuta u fil-fatt, jirrizulta li Wenzu Borg ma ppretenda ebda senserija minghand l-esponent u dan peress li hu u l-esponent kienu hbieb. Madwar xahrejn wara l-konvenju, l-istess persuna femminili li fethet il-post, akkumpanjata minn ragel mhux identifikat, marret tfittex lill-esponent hdejn il-proprjeta' in kwistjoni. Dakinhar kienu madwar it-8:00 pm u kien dlam cappa bizwit il-proprjeta'. Fil-fatt, l-istess persuna kif akkumpanjata, lemhet l-esponent barra l-appartament u gieghlitu jiffirma xi karti. Dak il-hin, l-esponent, li ftit jaf jikteb u jaqra, u li m'huwiex persuna ta' edukazzjoni, iffirma l-karti li tatu l-persuna femminili, fejn ftit fehem ghalfejn kien qed jiffirmahom izda dak iz-zmien serrah rasu li s-sensar tieghu kien Wenzu Borg u hadd iktar. Dakinhar tal-kuntratt finali fis-6 ta' April, 2016 tfaccjat fil-Bank of Valletta ta' Pjazza San Gorg, l-istess persuna femminili ta' madwar tliet snin u nofs qabel. Issa, l-istess persuna identifikat ruhha bhala sensara u li ghandha tigbor €4,000 minghand l-esponent. Dak il-hin l-esponent oggezzjona bil-qawwa u nfurmaha li hu m'ghandu xejn xi jhallasha peress li qatt ma kienet is-sensara tieghu u kwalunkwe firma li ottjeniet minghandu kienet b'ingann u b'nuqqas ta' gharfien u konsapevolezza tieghu.

F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva li l-ammont mitlub mis-socjeta' ezekutanti ma jista' qatt ikun dovut in kwantu ma jirrizultawx l-elementi tas-senserija u ghalhekk, jekk l-esponent jigi kundannat ihallashom, ikun qed ihallas ammont dovut ghal xejn. Din il-Qorti m'ghandhiex tippermetti manuvri ta' dan it-tip ta' fejn is-socjeta' tal-agenzija tapprofitta ruhha mis-semplicita' ta' persuna, aktar u aktar meta kif taf bejn tajjeb l-agenzija, hija prassi li f'kazijiet bhal dawn is-senserija tithallas mill-bejjiegha u mhux mill-kumpratur.

In linea ta' massima biex il-pretensjoni tas-socjeta' ezekutanti titqies fondata jrid jirrizulta illi bejn il-hidma ta' l-ezekutanti u l-konkluzjoni ta' l-affari (ossija l-bejgh tal-

appartament) jissussisti ness validu ta' kawzalita'. Dan fis-sens illi, minn kif spjegat fil-gurisprudenza pacifika, "*il-medjatur ikun adopera ruhu b'mod li jkun laqqa' l-kunsens tal-partijiet dwar is-sostanzjali u l-accidentali tal-kuntratt*" (Ara "**Carmelo Pace –vs- Josephine sive Fanny Tabone Valletta**", Prim'Awla, Qorti Civili, 4 ta' Marzu, 1952). Fi kliem iehor, dik il-hidma tas-sensal hi *condicio sine qua non* tal-konkluzjoni ta' l-affari. Fil-gurisprudenza taghna jinghad ukoll li "*bniedem li sempliciment jaghti nformazzjoni bla ma jaghmel xejn aktar ma jidhirx li hu intitolat ghal xi kumpens ghas-servigi*" **("Alfred Schembri –vs- John Bartolo"**, Prim'Awla, Qorti Civil, 26 ta' Gunju, 1965). F'dan il-kaz, il-persuna femminili ghan-nom tas-socjeta' ezekutanti <u>ma ghamlet xejn affattu</u> ghajr li fethet il-bieb wara talba tas-sensar tal-esponent, Wenzu Borg. Dan huwa ferm u ferm il'boghod mill-kuncett ta' senserija kif stabbilit fil-gurisprudenza taghna u ghaldaqstant, anke din hija raguni gravi u serja minhabba fiha l-ezekuzzjoni tal-kambjala timmerita li tigi sospiza.

F'kull kaz u minghajr pregudizzju, is-socjeta' ezekutanti qed titlob ukoll imghaxijiet mis-6 ta' Jannar, 2016, data li fiha l-kuntratt kien ghadu lanqas biss sar u b'dan il-fatt ukoll wiehed jifhem aktar il-manuvri ta' ingann li wettqet l-istess socjeta' biex illum qed titlob senserija minghand il-kompratur (mhux kif normalment isir, minghand il-venditur) u qed tissottometti li l-hlas kien dovut meta lanqas biss kien ghadu mmaterjalizza l-bejgh.

Fl-ahhar nett, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jirrizulta wkoll li l-ammont mitlub mis-socjeta' ezekutanti huwa karpit minn causa illecita stante li m'huwiex indikat jekk huwiex bil-VAT inkluz jew minghajr VAT. Jidher, anke mic-cifra dritta u tonda mitluba, li l-ammont m'huwiex bil-VAT inkluz u ghalhekk, stante li jirreferi ghal servizzi taxxabbli skond il-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istess talba hija karpita minn *causa illecita*.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha hawn fuq spjegati, l-esponent jitlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha tilqa' l-oppozizzjoni tal-esponent u tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjala tat-2 ta' Jannar, 2013 kif notifikata lilu bl-ittra ufficjali numru 2831/2016 tad-9 ta' Novembru, 2016, bl-ispejjez kontra s-socjeta' ezekutanti.

Rat **ir-risposta** ta' M.P.M. Investments Limited li permezz taghha esponiet:

1. Illi Micallef Anthony ma ressaq ebda ragunijiet gravi u validi li jistghu jaghtu lok ghall-htiega tas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjala li fuqha hija bazata dina l-procedura.

2. Illi l-kambjala ghandha ezistenza separata, awtonoma u indipendenti mill-obbligazzjoni originali li tat lok ghaliha, u dina ghandha tkun il-kunsiderazzjoni principali ta' dina l-Qorti fid-determinazzjoni tar-rikors ta' Anthony Micallef.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-verzjoni moghtija minn Micallef Anthony sabiex jiggustifika t-talba ghas-sospensjoni hija totalment inverosimili, u dana ser jigi ppruvat ulterjorment waqt is-smiegh ta' dana r-rikors, dejjem biss jekk dina l-Qorti jidhrilha li ghandha tidhol fil-mertu tal-obbligazzjoni originali wasslet ghall-firma tal-kambjala.

4. Illi huwa evidenti li Anthony Micallef abel li huwa kellu jhallas l-ammont mitlub lis-socjeta' MPM Investments Limited, tant li ffirma ghal tali hlas. Il-firma tieghu hijal-ikbar prova li jista' jkun hemm dwar l-ezistenza ta' tali obbligazzjoni.

5. Il-hlas tal-imghax jiskatta ex lege minn dakinhar li l-kambjala mmaturat, u ghalhekk l-opposizzjoni ta' Micallef Anthony f'dak ir-rigward hija wkoll minghajr ebda bazi.

6. Illi l-istess jinghad ghall-element tat-Taxxa tal-Valur Mizjud imqajjem minn Micallef Anthony fir-rikors tieghu, fis-sens illi minn imkien mill-ligi relattiva ma jirrizulta li meta wiehed jiftiehem fuq prezz jew kundiserazzjoni ghandu jkun hemm specifikat li huwa inkluziv tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-partijiet;

Ikkunsidrat;

Ir-rikorrent Anthony Micallef jghid li certu Wenzu Borg li gieli kien jiltaqgha mieghu gewwa hanut San Gwann, hajru biex jixtri flat gewwa San Gwann stess. Dan Wenzu Borg hadu fejn kien hemm dan il-flat ghal bejgh u peress li kien hemm in-numru tas-sid imwahhal mal-gallarija tal-flat, dan Wenzu cempel u xi ftit minuti wara, gew zewg nisa.

Anthony Micallef iddecieda li jixtri dan il-flat u meta sar il-konvenju, kien gie miktub li senserija ma hemmx. Xi xahar wara li nxtara dan il-flat, giet mara thabbat il-bieb ta' Anthony Micallef u nfurmatu li hi mir-Remax, izda Anthony Micallef infurmaha li hu ma kellux x'jaqsam maghha u telqet. Pero', regghet giet darba ohra ghal habta tat-tmienja ta' fil-ghaxija u qaltlu biex jiffirma xi karti. Anthony Micallef haseb li ffirma l-karti peress li xtara l-flat, izda wara gie mgharraf li kien iffirma li jrid ihallas is-senserija. Huwa hassu mgieghel jiffirma dawn il-karti. Meta Anthony Micallef mar fuq il-post u ra dak in-numru mwahhal mal-gallarija, ma kien hemmx miktub li huwa proprjeta' li qed tirrapprezenta r-Remax, u meta gew dawk iz-zewg nisa juruh il-post, fl-ebda hin ma ddentifikaw ruhhom bhala rapprezentanti tar-Remax, avolja wahda minnhom hekk kienet. Anthony Micallef sar jaf li l-post kien ta' tfajla u guvni u n-numru li kien hemm fuq il-gallarija kien ta' omm din it-tfajla. Izid jghid li hu ftiehem ma Wenzu Borg li la jsir il-kuntratt, itih somma flus bhala senserija, avolja Wenzu qatt ma talbu xejn.

Marlene Deguara tikkonferma li fl-2012 kienet tahdem mar-Remax u tghid li rceviet telefonata minghand Anthony Micallef fejn talabha sabiex jara l-post li kien ghal bejgh gewwa San Gwann. Hi tghid li kienet tafu lil Anthony Micallef ghaliex gieli kellhom x'jaqsmu ghar-rigward proprjetatjiet qabel. Izzid tghid li l-flat in kwistjoni kien ta' certu wahda Jacqueline Farrugia u meta Anthony Micallef cempel lil Marlene Deguara biex jara l-post, Marlene cemplet lill-omm Jacqueline, Claire li kienet toqghod fuq il-flat in kwistjoni biex tinzel tiftah il-flat sabiex ikun jista' jarah Anthony Micallef. Tikkonferma li biex dahlu jaraw il-proprjeta', kienu Anthony Micallef, Claire Farrugia u Marlene Deguara biss. Dak inhar, Anthony Micallef kien qal li ma kellux interess fil-post, izda ftit taz-zmien wara, Marlene Deguara rat xi haddiema jahdmu f'dan il-post u ssuspettat li Anthony Micallef mar minn wara dahra u xtara l-post direttament mis-sidien. Hija baqghet fil-karozza tistenna biex forsi tara min kien il-persuna li kien gab il-haddiema jahdmu f'dan il-flat, u rat lil Anthony Micallef. Marlene Deguara cemplet lil Clarie Farrugia biex tara x'gara u ma garax, u Claire Farrugia kkonfermatilha li kienet bieghet il-flat lil Anthony Micallef minn wara dahar ir-Remax. B'hekk, Marlene Deguara, Claire Farrugia u r-ragel ta' Claire Farrugia marru jkelmu lil Anthony Micallef xi darba fil-ghaxija sabiex jiffirma l-kambjala fejn jiddikjara li peress li l-post gie mibjugh, ir-Remax kellu jiehu commission minn fuq il-post. Infatti, nfurmaw lil Anthony Micallef b'dan kollu, u Anthony Micallef iffirma. Marlene Deguara tikkonferma li kellha tigbor 5%

commission minghand is-sinjuri Farrugia ghal bejgh tal-post, liema commission issa qed tippretendi minghand Anthony Micallef.

Lawrence Borg jikkonferma li jaf lil Anthony Borg ghax gieli ltaqghu go hanut tal-kafe'. Lawrence Borg sar jaf li Anthony Borg xtaq jixtri post u peress li huwa sensar u kien jaf b'koppja zaghzugha li kienet ghadha kif hassret u ghalhekk il-post kien se jinbiegh, huwa nfurma lil Anthony Borg b'dan il-post. Infatti, hu u Anthony Borg marru fuq il-post fejn sabu numru fuq il-gallarija tal-flat u Lawrence Borg cempel dan in-numru u gew Marlene Deguara u mara ohra tiftah il-post fejn infurmathom li l-proprjeta' kienet f'idejn ir-Remax. Lawrence Borg qatt ma ha l-commission tieghu ta' €314 minghand Anthony Borg.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tar-rikors imressaq minnu, ir-rikorrenti qed jitlob lill-Qorti sabiex tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjala indikata fl-ittra ufficcjali 2831/2016 notifikata lilu fil-15 ta' Novembru 2016, u dan peress li hemm ragunijiet gravi u serji ghalfejn tali ezekuzzjoni m'ghandiex tithalla, primarjament minhabba li l-firma tieghu fuq il-kambjala giet mehuda b'ingann u b'nuqqas ta' gharfien tieghu. Minbarra dan, ir-rikorrent jilmenta ukoll li l-ammont pretiz mis-socjeta' ezekutanti m'huwiex dovut minhabba li ma jirrizultawx l-elementi tas-senserija skont il-ligi kif ukoll li l-ammont mitlub mis-socjeta' ezekutanti huwa karpit minn kawza illecita stante li m'huwiex indikat jekk huwiex bit-Taxxa fuq il-Valur Mizjud inkluza jew le.

Illi l-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jghid li l-kambjali *u promissory notes* mahruga skond il-Kodici tal-Kummerc huma titolu ezekuttiv,

> *"e) kambjali u promissory notes maħruġa skont il-Kodiċ ital-Kummerċ;*
>
> *B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew*

*promissory note esegwibbli, <u>minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni</u> u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ. L-ittra uffiċjali msemmija aktar 'il fuq f'dan il-proviso għandha, taħt piena ta' nullità, tavża lid-debitur bid-dritt mogħti lilu minn dan il-proviso;"*

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza ***Charles Gatt noe vs. Joseph Vassallo Gatt noe*** (15 ta' Novembru 1993) gie ribadit illi:

*"appena kambjala tigi ammessa, tigi krejata obligazzjoni 'ad hoc', ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obligazzjoni li seghtet ipprecedietha. Ghalhekk f'kawza bhal din (azzjoni kambjarja), l-eccezzjonijiet ammissibbli huma generalment limitati ghall-kambjala nnifisha u bhala regola m' ghandhomx jigu permessi eccezzjonijiet li jikkoncernaw obligazzjonijiet precedenti".*

Illi meta tkun tentata l-procedura skond il-proviso tal-Art 253(e) tal-Kap 12, l-unika ezami li trid taghmel il-Qorti huwa biss dak ta` *prima facie* u dan ghaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet u ghalhekk hemm limitazzjoni sinjifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta` procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja. Qorti tista` tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta` kambjala jew *promissory note* bhala titolu ezekuttiv, jekk issib illi *prima facie* hemm ragunijiet gravi u validi biex issir oppozizzjoni ghall-ezekuzzjoni[1]

Skont il-Qrati nostrani[2]

*"Minn qari akkurat ta` l-imsemmi sezzjoni jidher car li hemm zewg bazi ghaliex l-ezekuzjoni tal-kambjala tista` tigi sospiza u cioe` li l-firma ma tkunx tal-persuna jew mandatarju taghha u sekondarjament fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet*

[1] ***Paul Falzon vs. Charlotte Ciantar***, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 15 ta' Settembru 2015.
[2] ***Giovanni Briffa vs. Ronald Azzopardi***, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 5 ta' Frar 2008.

*ohra gravi u validi ghall-oppozizzjoni ta` l-ezekuzzjoni. F`dan il-kaz il-persuna li tezigi l-hlas tkun trid tipprocedi b`kawza skond id-disposizzjoni tal-Kodici tal-Kummerc. Il-Ligi ma tispecifikax x`inhuma r-ragunijiet gravi u fil-fehma tal-Qorti dan ma sarx b`xi nuqqas tal-legislatur izda intenzjonatament ghax il-legislatur ried ihalli fid-deskrezzjoni tal-Qorti f`liema kazijiet ikollha quddiemha l-Qorti ghandha tilqa` t-talba jew le. Certament li r-raguni valida m`ghandhiex tkun wahda frivola ghax kif tghid l-istess ligi hlief fil-kaz tal-firma r-raguni trid tkun gravi u valida u dan jaghmilha cara li persuna ma tistax kapriccozament topponi tali ezekuzzjoni".*

Illi meta Qorti tkun rinfaccjata b`talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta` kambjala skond l-Art 253(e) tal-Kap 12, hija ghandha tipprocedi b`kawtela, ghaliex ir-regola generali fil-ligi hija li l-kambjali ghandhom jithallsu.

Illi fis-sentenza taghha tal-4 ta` Frar 1907 fil-kawza ***Francesco Zammit noe vs. Paolo Scicluna noe*** il-Qorti tal-Kummerc qalet li *"secondo la pratica di questi tribunali il pagamento di una cambiale accettata e scaduta viene sempre ordinato quando le eccezzioni siano tali da richiedere lunga idagine sotto quella cautela che il prudente arbitrio della Corte credesse opportuno".* Dan jirrifletti dak li jghid l-**Art 198(2) tal-Kap 13**, u cioe` illi jekk ikun hemm eccezzjonijiet kontra l-hlas ta' kambjala, u dawk l-eccezzjonijiet *"ikunu jinhtiegu ezami fit-tul, is-smigh taghhom isir f'kawza ghaliha, u, sadanittant, il-kundanna ghall-hlas tal-kambjala, bil-garanzija jew minghajrha, skont ma jidhrilha l-qorti, m`ghandhiex tkun imdewma"*

Illi in konsiderazzjoni tal-elementi fattwali ta' din il-vertenza, ghandu jinghad illi minkejja li r-rikorrent jibbaza r-rikors tieghu fuq il-fatt illi skont hu, huwa ffirma l-kambjala in ezami taht qerq u b'nuqqas ta' gharfien, fix-xhieda tieghu huwa jirrikonoxxi li Marlene Deguara kienet tabilhaqq identifikat ruhha bhala ufficjal tar-Remax meta talbitu jiffirma l-kambjala *('wara xi xahar [...] giet xi wahda, qalet "jien tar-Remax". Ghidtilha "jiena lanqas nafek lilek". Ghidtilha "min int?" La qatt kellimtha din, la naf min hi, la qatt cempiltilha u qatt ma kellimtha").* Minkejja dan, huwa xorta wahda iffirma d-dokument li hija ghaddietlu (li kien il-kambjala) u dan minghajr ma staqsa x'kien qieghed jiffirma *('ma staqsejtx ghax qaltli "iffirma hawn" u jiena hsibt li ghax xtrajt il-post. Jien naf')*. L-imgieba tar-rikorrent tolqot lill-Qorti bhala wahda tassew stramba,

huwa inverosimili li persuna jaqbad u jiffirma dokumenti mghoddija lilu minn persuna li skond hu ma jafx min hi.

Fix-xhieda taghha, l-istess Marlene Deguara tikkonferma illi hija kienet taf lir-rikorrent Anthony Micallef sa minn xi zmien qabel u dan minhabba li huwa kien uriha xi postijiet gewwa Hal-Qormi tant illi hija gharfitu;

*Multo magis*, Lawrence Borg xehed illi meta r-rikorrenti u hu marru jaraw il-post in kwistjoni l-ewwel darba, *'giet wahda Marlene Deguara qaltilna "f'idejn ir-Remax dak"'*.

Illi in tema tal-ezami tal-kredibbilita' tax-xhieda, gie ritenut mill-Qrati nostrani illi:

> *"biex tezamina l-kredibbilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji - ezami li ghandu jsir dejjem, imma li jakkwista importanza akbar meta hemm biss zewg xhieda, wahda tghid abjad u l-ohra tghid iswed. U fost il-kriterji tal-kredibbilita' hemm dak tad-diportament tax-xhud fl-isbarra tax-xhieda, u dak tal-konsistenza tax-xhieda mal-materjal l-iehor li jkollha quddiemha l-Qorti"* **(*Amabile Cauchi vs. Gianni Attard*, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, 21.05.1955)**

Rinfaccjata b'diversi inkongruwenzi fil-verzjoni moghtija mir-rikorrent, specjalment meta kuntrastata ma' provi ohrajn fl-atti tal-kawza, il-Qorti mhijiex sodisfatta li r-rikorrent tabilhaqq safa ingannat meta huwa ffirma l-kambjala *in impugnanda*.

Illi *del resto*, b'referenza ghall-lanjanzi l-ohrajn sollevati mir-rikorrent, jirrizulta bic-car illi dawn imorru lil hinn mill-iskop ta' ezami *prima facie* u jirrikjedu ezami approfondit tal-mertu principali bejn il-kontendenti li skont l-Artikolu 198(2) tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll fuq l-iskorta tal-gurisprudenza hawn kwotata, tali mertu ghandu jigi migjub a konjizzjoni tal-Qrati permezz ta' talba gudizzjarja *ad hoc* u mhux permezz ta' talba ghat-twaqqif tal-ezukuzzjoni tal-kambjala kif inhi l-instanza odjerna.

**Decide:**

Ghar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-talba tar-rikorrent ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala annessa mal-ittra ufficjali 2831/2016 ai termini ta' l-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk tiddikjara li m'ghandux ikun hemm is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-istess kambjala.

L-ispejjez kollha ta' din il-procedura ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**